Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10613 — PORSCHE AUSTRIA / WOLFGANG DENZEL AUTO/ SAUBERMACHER DIENSTLEISTUNG / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 104/09)

1. Fil-25 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Porsche Austria GmbH & ampCo OG ("Porsche Austria", l-Awstrija), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Volkswagen AG, il-kumpanija omm apikali tal-grupp Volkswagen,

— Wolfgang Denzel Auto AG ("Denzel", l-Awstrija), ikkontrollata minn "Familienstiftung W. Denzel" u minn membri individwali tal-familja Denzel,

— Saubermacher Dienstleistungs AG ("Saubermacher", l-Awstrija), ikkontrollata esklużivament minn Roth Privatstiftung.

Din in-notifika tikkonċerna l-akkwist ta' kontroll konġunt minn Porsche Austria, Denzel u Saubermacher f'impriża konġunta b'funzjoni sħiħa li għadha kif ġiet stabbilita skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Porsche Austria: l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur (inklużi spare parts u aċċessorji) tal-marki Volkswagen Passenger Cars, Volkswagen Commercial Vehicles, Porsche, Audi, Škoda, SEAT u CUPRA fl-Awstrija,

— Denzel: l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur tal-marki Mitsubishi, Hyundai, MG u Maxus fl-Awstrija,

— Saubermacher: loġistika tal-iskart, ipproċessar tal-iskart, trattament tal-iskart, u rimi tal-iskart,

— JV: servizzi ta' konsulenza fir-rigward tal-immaniġġ u r-rimi/trattament ta' batteriji tal-litju, il-forniment ta' kontenituri speċjali u l-ikkummissjonar ta' kuntratturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10613 – PORSCHE AUSTRIA / WOLFGANG DENZEL AUTO / SAUBERMACHER DIENSTLEISTUNG / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË